MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 17/2014

Appell Nru: 17/2014

Il-Pulizija

[Spettur Sarah Magri]

Vs

Redento Bonnici

Illum, 15 ta' Jannar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Redento Bonnici, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 487757M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-granet tal-5 ta' Mejju, 2013 u s-6 ta' Mejju, 2013 fil-passagg li jaghti ghax-Xaghra tal-Isqof Limiti tar-Rabat, Malta:

1. Mingharj il-hsieb li jisraq jew li jghamel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel b'awtorita' tieghu innifsu jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew hatt bini jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor u billi tella hajt fl-imsemmi passagg kif ukoll ghamel tankijiet mimlija bil-gebel fl-apeertura li taghti ghar-raba' tal-kwerelant b'tali mod illi qed icahhad l-access mill-passagg in kwistjoni kif kien ezistenti.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' sejbien ta' htija tapplika l-artikolu 377(3) u (5) tal-Kap 9 sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal-kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Art 533 tal-Kap 9 (1) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-16 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, sabet lill-imputat Redento Bonnici hati tal-akkuzi u kkundannatu multa ta' mitt ewro (€100).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn l-appellat instab hati tal-akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu, fejn ikkundannatu ihallas multa ta' mitt Ewro (€100) u inoltre ta' din il-piena tordna li jitnehha l-inkonvenjent ezistenti bl-ispejjez ghall-appellant, sabiex jigi assigurat li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal-kollox fl-istat li kienet qabel.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi jirrizulta b'mod car u manfiest li l-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti minhabba fix-xorta taghha, hija differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-imputat gie misjub hati u dana hekk kif ser jigi spjegat;

Illi b'referenza ghas-suespost, ghalkemm l-appellat instab hati tar-reat ta' ragion fattasi fejn gie kkundannat ihallas multa, l-inkonvenjent in kwistjoni xorta wahda

ghadu jezisti u dana jmur kontra dak li jistipula l-istess dispozizzjoni tal-ligi koncernanti w relevanti, dejjem hekk tinqara fl-intier taghha.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghall-artikolu 85(2) tal-Kapitolu 9, li jistipula li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 377(5) ghandhom japplikaw f'kull kaz ta' sejbien ta' htija taht is-subartikolu (1) u meta l-ghemil tal-hati jkun jirrizulta filli persuna ohra tbati spoll (kif gara fil-kaz odjern) il-Qorti ghandha tapplika d-dispozizzjonijiet ta' dik is-subartikolu (377(5)) sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll;

Ghaldaqstant indubjament isegwi illi l-piena hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tali piena tkun tirrefletti dik il-piena applikabbli skond id-dispozizzjoni tal-ligi relevanti fir-rigward tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fil-hamsa (5) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u fis-sitta (6) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant Rednet Bonnici ostakola passagg li jaghti ghax-Xaghra tal-Isqof limiti tar-Rabat, Malta dana billi waqqa' hajt tas-sejjieh a detriment ta' Franklin Azzopardi. Dan irrapporta lill-pulizija permezz ta' kwerela illi ipprocediet kontra l-appellat. B'sentenza tas-sittax (16) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 10) Il-Qorti tal-Magistrati, sabet lill-appellat hati u ikkundannatu multa ta' mitt ewro (€100). L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-piena moghtija mill-ewwel Qorti minhabba x-xorta taghha hija differenti minn dik preskritta mil-ligi ghal reat li dwaru l-appellat gie misjub hati.

Ikkunsidrat:

Peress illi l-modalità kif gara dan l-incident mhuwiex mertu ta' dan l-appell il-Qorti mill-ewwel sejra tghaddi ghall-aspett legali fejn l-Avukat Generali qed jitlob provvedimenti ohra minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

L-appellat gie misjub hati ta' ksur ta' dispozizzjoni tal-artikolu 85(1) tal-Kap 9. Izda peress illi l-ghemil tal-appellat irrizulta f'illi persuna ohra (Franklin Azzopardi) baghtiet spoll, il-Qorti ghandha (sottolinear tal-Qorti) tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 377(5). Dan is-subartikolu jghid, "Il-Qorti ghandha ... wara li jghaddi z-zmien moghti mill-Qorti skont is-subartikolu 3 jew 4 tawtorizza lill-pulizija biex tnehhi kull dizordni jew inkonvenjent ...". Dan sabiex tassigura li l-persuna li baghtiet l-ispoll tqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma baghtiet l-ispoll. Id-Difiza argumentat illi l-ewwel sentenza kellha tigi konfermata peress illi l-artikolu 377(3)

jghid illi l-Qorti tista' (sottolinear ta' din il-Qorti) ... tordna t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat ...". Dan ifisser kwindi li l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni sabiex taghmel tali ordni jew le. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti ma tatx din l-ordni u kwindi s-sentenza ghandha tigi rispettata.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument tad-difiza. L-artikolu 85(2) tal-Kap 9 jirreferi specifikatament ghal dispozizzjonijiet tal-artikolu 377(5) u mhux ghas-subartikolu (3) kif qieghda tissuggerixxi d-Difiza. F'dan il-kaz il-Qorti m'ghandha ebda diskrezzjoni u ghandha timponi terminu sabiex jitnehha l-ispoll u fin-nuqqas tawtorizza lill-pulizija jnehhu l-inkonvenjent a spejjez tal-hati. L-ewwel Qorti però m'ghamlet xejn minn dan u ghazlet illi teroga piena minghajr ma imponiet terminu ghat-tnehhija tal-inkonvenjent skont id-dispost tal-artikolu 377(5).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellat instab hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u fejn gie ikkundannat ihallas multa ta' mitt ewro (€100) u inoltre tipprefiggi terminu ta' xahar sabiex jitnehha l-inkonvenjent, jekk ikun il-kaz, u fin-nuqqas, wara li rat l-artikolu 377(5) tal-Kap 9, tawtorizza lill-pulizija sabiex inehhu kull inkonvenjent u dizordni li ghalih ikun jirriferixxi r-reat a spejjez tal-appellat, f'liema kaz l-appellat jista' jigi imgieghel ihallas l-ispiza b'mandat mahrug mill-istess Qorti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------